**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar it-Tlieta 29 ta` Mejju, 2018.**

**Talba Nru: 595/2016PA**

**ST Microelectronics (Malta) Ltd**

**vs**

**Tonio Spiteri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fis-16 ta` Diċembru 2016 li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi ppremettiet li, għal skopijiet ta` ħlas ta` taxxa tal-income tax għal perjodu meta l-konvenut kien jaħdem fil-fabbrika tas-soċjeta` attriċi fil-Marokk, is-soċjeta` rikorrenti avvanzat lill-konvenut is-somma ta` ħdax-il elf, sitta u tmenin Ewro (€11,086), liema somma kellha titħallas lura mill-konvenut lis-soċjeta` attriċi skond żewġ kuntratti annessi; li l-konvenut għad fadallu jirrestitwixxi lura lis-soċjeta` attriċi l-ammont ta` elf, seba’ mija, ħamsa u disgħin Ewro (€1,795); li l-konvenut, interpellat biex iħallas lura dan l-ammont, baqa’ inadempjenti. Hija talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ħallasha s-somma ta` elf, seba’ mija, ħamsa u disgħin Ewro (€1,795), bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Ra d-dokumenti annessi mal-Avviż tat-Talba, senjatament żewġ skritturi ta` self datati Marzu 2011 u April 2013 rispettivament (Doki. ST1 u ST2, fol. 2 sa 3).

Ra r-Risposta tal-konvenut li permezz tagħha eċċepixxa, preliminarjament, il-preskrizzjoni kwinkwennali skond l-**art. 2156** tal-Kodiċi Ċivili, u fil-mertu, li t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi l-ebda ammont m'hu dovut minnu, u dan kif kellu jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża.

Ra li, fuq ordni tat-Tribunal, b'nota[1] tal-15 ta` Frar 2017, il-konvenut iċċara li l-preskrizzjoni eċċepita minnu hija bażata fuq l-**art. 2156(d)**, **(e)** u **(f)** tal-**Kodiċi Ċivili**.

Sema' x-xiehda tax-xhieda mressqa mill-partijiet.

Ra d-dokumenti ppreżentati.

Ra n-noti ta` sottomissjonijiet estensivi ppreżentati mid-difensuri tal-partijiet.

Qies il-posizzjoni legali ta` kull parti, kif dikjarata, fuq talba tat-Tribunal, fl-udjenza tas-17 ta` April 2018.[2]

Ikkunsidra li:

Din hija kawża li s-soċjeta` attriċi qed tagħmel kontra l-konvenut għar-rifużjoni ta` self somministrat lilu biex bih iħallas taxxa żejda dovuta lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni f'Malta għaż-żmien li fiha kien qed jippresta s-servizzi tiegħu lis-soċjeta` attriċi fil-fabbrika tagħha fil-Marokk. Din it-taxxa żejda l-konvenut kien intitolat jirċievi rimbors tagħha mingħand il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, minħabba arranġamenti dwar taxxa doppja li hemm bejn Malta u l-Marokk. Is-soċjeta` attriċi tikkontendi li l-konvenut

[1] Fol. 11
[2] Fol. 84 sa 85

jonqsu jirrifondilha s-somma mitluba b'din il-kawża; filwaqt li l-konvenut jirritjeni li ħallas kulma kellu jagħti lis-soċjeta` attriċi, u li ma fadallu jħallasha xejn.

Il-**Prokuratur Legali Eunice Fiorini**[3], Assistent Reġistratur fil-Qrati Ċivili u Tribunali ta` Malta, iddikjarat li l-uniċi atti ġudizzjarji bejn il-kontendenti huma l-atti ta` din il-kawża, u li ma ġie intolvat ebda att ieħor bejniethom qabel ġie ppreżentat dan l-Avviż tat-Talba.

Il-konvenut **Tonio Spiteri**[4] iddikjara minn jeddu, u bil-ġurament tiegħu, li lis-soċjeta` attriċi ma baqagħlu jagħtiha xejn.

Meta kompla jixhed, il-konvenut Tonio Spiteri spjega li huwa kien impjegat mas-soċjeta` attriċi bħala *technician,* u l-impjieg tiegħu beda mit-3 ta` Frar 1992 u spiċċa fl-20 ta` Jannar 2017. Qal li għamel sentejn minnhom jaħdem fl-impjant tas-soċjeta` attriċi fil-Marokk, bil-patt li ma jeħilx aktar taxxa milli jħallas f'Malta, u li t-taxxa żejda dovuta kienet ser tħallashielu s-soċjeta` attriċi. Meta wasal biex jiġi lura Malta, is-soċjeta` attriċi kienet tatu l-ftehimi annessi mal-Avviż tat-Talba biex jiffirmahom, ħalli meta jiġi lura Malta u jirċievi r-rifużjoni mingħand il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, dik ir-rifużjoni jgħaddiha lis-soċjeta` attriċi. Il-konvenut qal li kien staqsa lil Andre` Bugeja, rappreżentant tas-soċjeta` attriċi, x'kien ser jigri jekk ma jirċevix ir-rifużjoni, u dan kien wieġbu li kellu jirrifondi dak kollu li jirċievi. L-attur ippreżenta kopja ta` korrispondenza elettronika li turi x'ammonti rċieva b'rifużjoni, b'mod li hemm indikat ċar li mingħand il-Kummissarju tat-Taxxi Interni rċieva s-somma ta` €1,795 anqas f'rifużjonijiet mill-ammont komplessiv li ppretendiet mingħandu s-soċjeta` attriċi.

Il-konvenut qal ukoll li hu żżewweġ fl-2010, u li s-soċjeta` attriċi naqset li tħallaslu t-taxxa bir-rata ta` miżżewweġ, minflok bir-rata ta` waħdu. B'hekk ġiet li fis-sena 2010, is-soċjeta` attriċi ħallsitlu €1,524 taxxa żejda. Il-konvenut qal ukoll li ħallas

[3] Ara xiehda, 2.5.2017, fol. 15
[4] Ara xiehda, 2.5.2017, fol. 17

lis-soċjeta` attriċi s-somma ta` €14,932, li pero` ma kinetx l-istess somma li ħallsitlu bħala taxxa żejda, u li mbagħad kellu jirrifondiha lis-soċjeta` attriċi.

Fuq talba tat-Tribunal, xehed **Andre` Bugeja**[5], *Assistant Administration Manager* tas-soċjeta` attriċi.

Huwa spjega li, f'xi żmien, is-soċjeta` attriċi kienet ħarġet sejħa għall-impjegati li kienu interessati jaħdmu fl-impjant tagħha fil-Marokk. Il-konvenut wera interess, u kien magħżul. Minħabba li kien sejjer jaħdem fil-Marokk, il-konvenut kellu xi benefiċċji, pero` mill-bqija baqa' bl-istess paga u dħul. Il-paga baqgħet tinħadimlu f'Malta, u baqgħet tinqatagħlu t-taxxa li s-soċjeta` attriċi baqgħet tħallas fl-interess tiegħu lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Fl-istess ħin, il-konvenut kellu jħallas ukoll xi taxxa fil-Marokk. Bl-arranġament li hemm fis-seħħ bejn Malta u l-Marokk, ladarba kien qed iħallas it-taxxa fil-Marokk, il-konvenut kellu dritt għar-rifużjoni tat-taxxa li l-prinċipal tiegħu kien qed jaqtagħlu mill-paga u jħallas f'Malta lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Biex l-impjegat ma jbatix il-piż tat-taxxa doppja, is-soċjeta` attriċi silfet lill-impjegati konċernati l-flus li kkalkulat bil-quddiem li kienu ser iħallsu bħala taxxa fuq id-dħul f'Malta, u allura li kienu ser jirċievu rifużjoni tagħha mingħand il-Kummissarju tat-Taxxi Interni.[6] Jekk l-impjegat itemm l-impjieg tiegħu mas-soċjeta` attriċi qabel jirrifondi s-somma sħiħa hekk mislufa, huwa kien obbligat jirrifondi l-bilanċ sħiħ, mingħajr dewmien, anke jekk ma jkunx għadu rċevieh mingħand il-Kummissarju tat-Taxxi Interni. F'dan il-każ, il-konvenut irriżenja minn jeddu mill-impjieg mas-soċjeta` attriċi fl-20 ta` Jannar 2017.

**Andre` Bugeja** xehed ukoll bil-mezz ta` affidavit[7]. Huwa ċċara li l-kuntratti ta` self annessi mal-Avviż tat-Talba, iffirmati bejn is-soċjeta` attriċi u l-konvenut, kienu saru biex jaġevolaw lill-konvenut ħalli ma joħroġx flus minn butu biex iħallas it-taxxi f'Malta u fil-Marokk, sakemm dam jaħdem mas-soċjeta` attriċi fil-Marokk. L-arranġament kien

[5] Ara xiehda, 27.6.2017, fol. 33 sa 35
[6] Ara korrezzjoni tax-xiehda mix-xhud, 3.10.2017, fol. 42 sa 43
[7] Fol. 56

li jirrifondi lis-soċjeta` attriċi l-ammonti mislufa meta jiġi rimborsat bihom mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Bugeja spjega li s-soċjeta` attriċi kienet inkarigat lill-awdituri tagħha KPMG biex jagħmlu stima tat-taxxa li l-konvenut kien ser iħallas f'Malta, u li kien intitolat jirċievi rimbors tagħha, u din ġiet stmata li kellha tammonta għal €11,086. Dan l-ammont ġie misluf lill-konvenut. Irriżulta li din l-istima kienet tinkludi €1,795 żejda, pero` l-konvenut qed jirrifjuta li jirrifondi dan l-ammont lis-soċjeta` konvenuta. Dan il-ħlas sar dovut immedjatament kif il-konvenut ittermina l-impjieg tiegħu mas-soċjeta` attriċi.

**Mario Tanti**,[8] *accounts Manager* tas-soċjeta` attriċi, xehed dwar il-kontenut tal-korrispondenza elettronika li bagħat lill-konvenut[9]. Huwa qal li l-konvenut kellu jagħti b'kollox lis-soċjeta` attriċi s-somma ta` €21,219, li minnhom ħallas €14,932, u għamel pagamenti oħra, b'mod li fadallu jagħti lis-soċjeta` attriċi s-somma mitluba b'din il-kawża. Dan kollu sar dovut mis-sena 2011 sallum. Huwa ma kienx jaf jispjega l-kliem *'in full settlement'* fuq ir-riċevuta datata 1 ta` April 2013[10] rilaxxjata lill-konvenut mis-soċjeta` attriċi.

Xehed ukoll **Albert Fenech**,[11] li għamel 23 sena impjegat mas-soċjeta` attriċi u kien anke *Human Resources Manager* tagħha.

Skond ix-xhud, is-sistema tat-taxxa doppja u tas-self mis-soċjeta` attriċi kienet intiża biex tagħmel tajjeb għat-taxxa ż-żejda li kienu jħallsu l-impjegati tagħha li kienu jaħdmu fl-impjanti barra minn Malta. Qal li din is-sistema ħolqot problemi mill-bidu nett, minħabba fil-kumplessita` tagħha. Ix-xhud qal li kien talab kjarifika mingħand id-direttur tar-riżorsi umani, fi ħdan is-soċjeta` attriċi, Tonio Portughese, u bil-miktub dan

[8] Ara xiehda, 3.10.2017, fol. 44 sa 45
[9] Dok. X1, fol. 26
[10] Fol. 31
[11] Ara xiehda, 3.3.10.2017, fol. 47 sa 49

kien wieġbu li ma kinetx sistema faċli, u li l-kalkoli tagħha kienu kumplikati ħafna[12]. Is-sena 2011 kien il-perjodu meta din is-sistema ħolqot l-aktar diżgwid.

Fenech qal li din is-sistema ma ntużatx għat-*technicians* kollha li marru l-Marokk, pero` ntużat fil-każ tal-attur. Fost l-ilmenti li rriżultaw mit-tħaddim ta` din is-sistema kienet li s-soċjeta` attriċi kienet qed tippretendi mingħand l-impjegati tagħha ħlas ta` ammonti li ma kinux ġew rifużi lilhom mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Fenech qal li huwa spiċċa mill-impjieg li kellu mas-soċjeta` attriċi fl-2013. Sa dakinhar, il-konvenut kien għadu qed jgħid li ħallas lill-kumpanija l-ammonti kollha li kien irċieva mingħand il-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

In kontro-eżami, ix-xhud Albert Fenech qal li l-konvenut huwa r-raġel ta` bintu, filwaqt li oħt il-konvenut taħdem max-xhud u ma' xhud ieħor, prodott mill-konvenut, Mario Tanti. Fuq domanda tat-Tribunal, Fenech qal li dam fl-impjieg għal sitt snin wara li għalaq l-eta` tal-pensjoni, u ma telaqx bil-kwistjonijiet mas-soċjeta` attriċi.

Xehed ukoll **Joseph Debono**, rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, li pproduċa kopja tal-entrati ta`dħul perċepit, u taxxa mħallsa, mill-konvenut għas-snin 2010 sa 2012, inkluż ir-rifużjoni tat-taxxa minħabba fi ħlas ta` taxxa doppja.[13]

Ikkunsidra wkoll li:

Fl-udjenza tat-28 ta` Frar 2018, il-kontendenti qablu li l-ħlas komplessiv li l-konvenut irċieva mingħand il-Kummissarju tat-Taxxi Interni b'rifużjoni ta` taxxa doppja, għas-snin 2010 sa 2012, kien jammonta għal €9,291.

Sussegwentement, fl-udjenza tas-17 ta` April 2018, is-soċjeta` attriċi rreġistrat li l-ħlas mitlub minnha b'din il-kawża jirrappreżenta l-bilanċ li baqa' għand il-konvenut

[12] Ara Dok. AF1, fol. 50
[13] Ara nota, fol. 61 sa 70

mill-ammont sħiħ misluf minnha ta` €11,085, wara li t-taxxa li attwalment ħallas f'Malta l-konvenut kienet anqas minn din is-somma mislufa, u ċioe kienet tammonta għal €9,291. Da parti tiegħu, il-konvenut irreġistra li s-somma sħiħa mislufa ħallasha kollha f'taxxa lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, li pero` rrifondielu biss is-somma ta` €9,291, liema somma rrifondieha kollha lis-soċjeta` attriċi li rrilaxxjatlu riċevuta għas-saldu.

Ikkunsidra ulterjorment li:

Effettivament, għalkemm il-partijiet ressqu provi estensivi, u tekniċi għall-aħħar, dwar is-sistema ta` taxxa doppja għal ħaddiema Maltin li pprestaw servizzi għal kumpaniji Maltin barra minn xtutna, il-mertu ta` din il-vertenza huwa sempliċi. Il-konvenut ma jiċħadx li s-soċjeta` attriċi silfitu s-somma komplessiva ta` €11,085, biż-żewġ skritturi annessi mal-Avviż tat-Talba, u debitament iffirmati minnu. L-istess konvenut jaċċetta li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni rrifondieh bis-somma komplessiva ta` €9,291 bħala *'double taxation relief'* taħt ir-reġim fiskali applikabbli għalih. Huwa jikkontendi li m'għandu jħallas xejn lis-soċjeta` attriċi għaliex ir-rifużjoni tal-bilanċ ma rċeviehx mingħand il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, għalkemm għaddiehulu bi ħlas ta` taxxa.

M'hemmx kwistjoni li l-konvenut kien obbligat jirrifondi s-somom mislufa, jew il-bilanċ li seta` baqa' dovut minnhom, lis-soċjeta` attriċi, immedjatament kif temm l-impjieg tiegħu magħha. Dan gara fl-20 ta` Jannar 2017. Din il-kawża ġiet intavolata fis-16 ta` Diċembru 2016, meta allura s-soċjeta` attriċi kienet diġa` avżata li l-konvenut kien ser jittermina l-impjieg li kellu magħha.

It-Tribunal ser iqis l-ewwel l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni mqajjma mill-konvenut. Huwa ddikjara ċar li m'għandu jagħti xejn lis-soċjeta` attriċi, għaliex il-bilanċ tas-somma ħallsu f'taxxa lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, u ma rċieva ebda rimbors tiegħu, u għaliex il-jedd ta` azzjoni tas-soċjeta` attriċi spiċċa bil-mogħdija ta` ħames snin, skond l-**art. 2156(d)**, **(e)** u **(f)** tal-**Kodiċi Ċivili**.

L-**art. 2156** tal-Kodiċi Ċivili, fil-paragrafi msemmija, jipprovdi kif ġej:

> **2156.** L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta` ħames snin:
>
> …
>
> (*d*) l-azzjonijiet għall-ħlas ta` mgħaxijiet ta` somom meħuda b'self jew taħt titolu ieħor, u, in ġenerali, ta` dak kollu li jitħallas bis-sena jew kull tant żmien ieħor aqsar minn sena;
>
> (*e*) l-azzjonijiet għar-radd ta` flus mogħtija b'self, jekk is-self ma jirriżultax minn att pubbliku;
>
> (*f*) l-azzjonijiet għall-ħlas ta` kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku
>
> …

Il-ħlas mitlub mis-soċjeta` attriċi b'din il-kawża mhuwiex ħlas ta` mgħax, u lanqas huwa ħlas perjodiku. Għalhekk, il-paragrafu (d) tal-**art. 2156** ma japplikax għal din l-azzjoni.

It-Tribunal iqis li l-preskrizzjoni ta` din l-azzjoni hija dik regolata bl-**art. 2156(e)** fuq ċitat, għaliex is-self somministrat ma jirriżultax minn att pubbliku, u għaliex il-kawżali tat-talba tas-soċjeta` attriċi hija s-self somministrat minnha lill-konvenut biż-żewġ skritturi ffirmati fis-snin 2011 u 2013, li kopja tagħhom tinsab annessa mal-Avviż tat-Talba.

Filwaqt li bix-xiehda tiegħu, il-konvenut issodisfa r-rekwiżit tal-**art. 2160(1)** tal-**Kodiċi Ċivili** meta ddikjara, b'mod mill-aktar ċar u kategoriku, li mhuwiex debitur tas-soċjeta` attriċi, it-Tribunal ma jaqbilx li l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni. L-**art. 2137** tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li *'Bla ħsara ta` disposizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta` azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista` tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.'* Is-soċjeta` attriċi ma pproċedietx kontra l-

konvenut għaliex allegat li rċieva xi rifużjoni ta` taxxa mingħand il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, u ma għaddhilhiex il-ħlas hekk inkassat minnu. Hija fittxet lill-konvenut għall-bilanċ tas-somma mislufa lilu, li hija taċċetta li ma rċeviex lura mingħand il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, għaliex tgħid li dawk il-flus mislufa lilu kienu ġew avvanzati lilu żejda, u għaliex il-bilanċ tas-self somministrat lilu sar awtomatikament dovut mat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu.

Dan ifisser allura, mhux talli li s-soċjeta` attriċi ma kienx għaddhielha ż-żmien li tippreżenta din l-azzjoni meta intavolat l-Avviż tat-Talba, imma addirittura jista` jiġi argumentat li, sa dakinhar, l-ammont mitlub kien għadu ma sarx dovut, u allura din l-azzjoni kienet għadha ma setgħetx tiġi eżerċitata. Naturalment, dan in-nuqqas ġie sanat bit-terminazzjoni tal-impjieg tal-konvenut, li t-Tribunal jifhem li s-soċjeta` attriċi diġa` kienet taf li kien ser iseħħ meta ppreżentat din it-talba, minħabba fil-ħtieġa skond il-liġi ta` avviż twil tat-terminazzjoni, billi l-konvenut kien ilu erbgħa u għoxrin (24) sena fl-impjieg indefinit tiegħu mas-soċjeta` attriċi.

Konsegwentement, l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni mqajjma mill-konvenut ma għandhomx fondament legali, u qed jiġu miċħuda.

Fil-mertu, it-Tribunal ra l-Ordni dwar Eżenzjoni minn Ħlas ta` Taxxa Doppja fuq l-Income mar-Renju tal-Marokk[14] (Leg. Suss. 123.100), u partikolarment l-**artikolu 15** tal-Ewwel Skeda, biex fehem l-arranġament li gawda minnu l-konvenut, meta nħeles mill-ħlas tat-taxxa doppja, f'Malta u fil-Marokk, fiż-żmien li għamel jippresta s-servizzi tiegħu lis-soċjeta` attriċi fil-Marokk. Il-kwistjoni kollha f'dan il-każ hija jekk is-soċjeta` attriċi għandhiex dritt, f'dan l-istadju, teżiġi l-ħlas mitlub mingħand il-konvenut, jekk dan ma rċeviex ir-rifużjoni tal-ammont mitlub mingħand il-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Wara li qies bir-reqqa d-dokumentazzjoni bil-kalkoli u l-ispjegazzjonijiet li pproduċa r-rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, it-Tribunal fehem li s-somma sħiħa mislufa, ta` €11,086, is-soċjeta` attriċi ħallsitha fl-intier tagħha lill-

[14] Avviż Legali 189/2007

Kummissarju tat-Taxxi Interni, fl-interess tal-konvenut, bi ħlas tat-taxxa dovuta minnu f'Malta. Għalhekk, mhux korrett li jingħad li dawn il-flus hekk mislufa effettivament marru fil-but tal-konvenut, kif sostnew ix-xhieda prodotti mis-soċjeta` attriċi. Kif sewwa argumenta l-konvenut, din is-somma mislufa s-soċjeta` attriċi ħallsithielu bħala taxxa, kwantu għal €1,243 għas-sena 2009, €3,556 għas-sena 2010 u €6,287 għas-sena 2011.

Pero` din ma kinetx l-uniku taxxa li s-soċjeta` attriċi ħallset fl-interess tal-konvenut fis-snin imsemmija. Ir-rendikonti eżibiti mir-rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni juru li fl-2009, il-konvenut ħallas b'kollox taxxa fis-somma ta` €2,729 li minnhom ħa rimbors minħabba fil-ħelsien mit-taxxa doppja ta` €1,037, fis-sena 2010 ħallas taxxa b'kollox is-somma ta` €3,556 (avvanzati fl-intier tagħhom minn flejjes tas-soċjeta` attriċi mislufa lill-konvenut) u ħa rimbors ta` €2,031, filwaqt li għas-sena 2011 ħallas taxxa fis-somma ta` €6,414 u rċieva rimbors ta` €5,582. Ir-rappreżentanti tas-soċjeta` attriċi allegaw li l-awdituri tagħha KPMG kienu għamlu kalkolu eċċessiv tal-ammont ta` taxxa li kien obbligat iħallas f'Malta, f'dawn is-snin, il-konvenut, u b'hekk ġiet li s-soċjeta` attriċi silfet lill-konvenut somma akbar minn dik li għaliha kien intitolat jirċievi rimbors minħabba fil-ħelsien mit-taxxa doppja. Li jfisser allura li s-soċjeta` attriċi ħallset fl-interess tal-konvenut bilanċ ta` €1,795, li kien dovut minnu bi ħlas ta` taxxa, u li proprjament kellu jitħallas mill-paga tiegħu, għaliex dwaru ma kellux jedd għal rimbors. Kieku s-soċjeta` attriċi għamlet komputazzjoni korretta tat-taxxa żejda li l-konvenut kien ser jeħel, u jirċievi lura, kieku din is-somma ta` €1,795 qatt ma ħallsitha lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, minn flusha, fl-interess tal-konvenut, imma kienet tnaqqasha mill-introjtu proprju tiegħu u tgħaddiha lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni bi ħlas ta` taxxa f'ismu.

Dan ifisser allura li, fuq bilanċ ta` probabiltajiet, is-soċjeta` attriċi għandha raġun tirritjeni li din is-somma ta` elf, seba' mija, ħamsa u disgħin Ewro (€1,795) għadha dovuta lilha mill-konvenut sallum.

Sussidjarjament, il-konvenut jistrieħ fuq riċevuta għas-saldu li kienet irrilaxxjatlu s-soċjeta` attriċi fl-1 ta` April 2013. Pero`, meta t-Tribunal qies il-ħames riċevuti eżibiti

mill-konvenut innifsu, huwa seta` jinnota li filwaqt li l-erba' riċevuti l-oħra jirreferu għar-rimborsi li rċieva mingħand il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, u li għadda lis-soċjeta` attriċi, din ir-riċevuta datata 1 ta` April 2013 tirreferi għal *'Notional Tax and ST share of tax compensation'*, u l-ammont indikat fuqha ma jirrelata bl-ebda mod mal-ammonti mislufa, u li l-konvenut kellu jirrifondi lis-soċjeta` attriċi, skond l-iskritturi eżibiti mal-Avviż tat-Talba.

Fl-aħħarnett, it-Tribunal iħoss li għandu jikkummenta dwar in-nuqqas ta` kjarezza fl-arranġament sħiħ imħaddem mis-soċjeta` attriċi f'din iċ-ċirkostanza partikolari li fiha ħaddmet lill-impjegati tagħha fl-impjant esteru. Kif ikkummenta diversi drabi tul is-smigħ tal-kawża, kien ferm diffiċli anke għat-Tribunal li jsegwi x-xiehda tar-rappreżentanti tas-soċjeta` attriċi dwar l-arranġamenti li ħaddmet mal-konvenut, impjegat tagħha, f'din iċ-ċirkostanza. Ċertament, il-konvenut kellu kull raġuni jippretendi li s-soċjeta` attriċi tispjegalu tempestivament l-arranġamenti mħaddma minnha u l-komputazzjonijiet li aċċettat li taddotta fuq il-pariri tal-awdituri tagħha. Meta mbagħad indunat li l-awdituri tagħha kienu għamlu kalkolu żbaljat, wieħed kien jippretendi li s-soċjeta` attriċi tispjega fi kliem ċar u sempliċi dan l-iżball lill-impjegat, bil-konsegwenzi tiegħu. Dan kollu jirriżulta ċar li s-soċjeta` attriċi ma għamlitux, anzi ħalliet li tirċievi l-avviż tat-terminazzjoni tal-impjieg mingħand il-konvenut biex teżiġi l-ħlas b'din il-kawża, mingħajr spjegazzjonijiet jew interpellanzi. Dan in-nuqqas gravi tas-soċjeta` attriċi t-Tribunal deherlu li għandu jqisu fil-kap tal-ispejjeż.

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din il-kawża billi jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut, u jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma mitluba ta` elf, seba' mija, ħamsa u disgħin Ewro (€1,795), bl-imgħax mid-data tallum sad-data tal-ħlas sħiħ effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mis-soċjeta` attriċi.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Ġudikatur**